**MALTI – IL- LETTERATURA**

**EŻAMI TA' NOFS IS-SENA – KARTA MUDELL**

**IT-TIELET SENA** **Sagħtejn**

---

## L-EWWEL TAQSIMA

### Poeżija

### Ir-Referenza għall-Kuntest

ST. FRANCIS

***Aqra sewwa din is-silta minn poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet: (20 marka)***



Illum nixtieq xi ħadd
Li jgħidli storja sbejħa
Dwar is-Saħħara x-xwejħa,
U l-Ġgant li mar il-festa,
U n-Nani tal-foresta;
Dwar ir-Reġina u bintha
U ż-Żwiemel li jittajru f'qamar kwinta.
Illum nixtieq xi ħadd….



Imm'ommi m'għandhiex żmien,
Trid tagħmel kinsa kbira
U tagħti wkoll tfarfira,
U rasha qed tuġagħha
U ġa tinsab bla saħħa!
Urejtha s-sħab kannella
U l-pitirross li xeba' jżomm l-umbrella.
Imm'ommi m'għandhiex żmien.

1. X'jisimha din il-poeżija u min kitibha? (2 marki)
2. Fisser it-titlu ta' din il-poeżija. (2 marki)
3. Kif qed tħossha din it-tifla u għaliex? (2 marki)
4. X'idea tas-soċjeta' toħroġ minn din il-poeżija? (3 marki)
5. Fittex u kkwota polisindeto u għid x'effett għandha f'din il-poeżija. (3

marki)

6. X'tiddeċiedi li tagħmel it-tifla fl-aħħar ta' din il-poeżija? (2 marki)
7. Iddeskrivi l-metrika ta' din il-poeżija. (3 marki)
8. Fittex eliżjoni , alliterazzjoni u personifikazzjoni (3 marki)



**IT-TIENI TAQSIMA**

**Poeżija**

**Il-Komponiment Letterarju:**

***<u>Ikteb 200 kelma dwar dan is-suġġett:</u>***

Bosta poeti jiġu ispirati minn żmien iż-żgħożija fil-kitbiet tagħhom. Iddiskuti kif tidher iż-żgħożija fil-poeżiji li studjajt.



ST. FRANCIS

**IT-TIELET TAQSIMA**

**Is-Salib tal-Fidda**

**Ir-Referenza għall-Kuntest**




Donnha li x-xita kienet tistenna lilhom; meta waslu nofs triq; ix-xita bdiet tiżdied u ftit wara bdiet nieżla bil-qliel. It- tfal bdew jiġru u jgħaddu mal-ħajt kemm jistgħu, iżda kien għalxejn, għax il-ħitan li kienu jgħaddu minn taħthom ftit kienu jagħtu kenn. Xandru żamm it-tifla minn idha biex jgħinha tiġri, u baqa' jiġri biha f'idejh sa ma waslu d-dar.

Daħlu ġewwa bħal żewġ flieles miblulin. Ixxarrbu għasra minn rashom sa riġlejhom, u l-iżjed Xandru li ma kellux waterproof; l-art imlewha kollha ilma, u huma kienu mirżuħin bil-bard. Huma xtaqu jibqgħu telgħin fuq mingħajr ma jiltaqgħu ma' ħadd iżda f'nofs it-taraġ, tiknes u tħabbat il-mikinsa kemm tiflaħ,

kien hemm Gerit. Xandru u Rożina ħarsu lejn xulxin. B'dik il-ħarsa donnhom riedu jgħidu: "Gerit mgħaddba sew!" Kienu drawha, għax kull meta kienet tkun imgħaddba kienet tinfexx fil-knis u erħilha tħabbat u ttajjar kemm ikun hemm trab.

1. Minn fejn kienu ġejjin Xandru u Rożina? (2 marki)
2. Irrakkonta fi kliemek l-istorja li kienu għadhom kemm semgħu. (4 marki)
3. Kif ġabu ruħhom it-tfal waqt dan ir-rakkont? (2 marki)
4. X'insiru nafu dwar il-karattru ta' Xandru u Rożina f'dan il-kapitlu?(4 marki)
5. Min kienet Gerit u x'tip ta' karattru kellha? (3 marki)
6. Agħti ż-żewġ raġunijiet għaliex Gerit kienet tobgħod lil Xandru. (2 marki)
7. X'jiddeċiedi li jagħmel it-tabib fl-aħħar ta' dan il-kapitlu u għaliex jieħu din id-deċiżjoni? (3 marki)

IR-RABA' TAQSIMA

Is-Salib tal-Fidda

Il-Komponiment Letterarju

***Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' 200 kelma fuqha:***

Uri kif is-salib tal-fidda wasal f'idejn it-Tabib Zammit.

**JEW**

Iddeskrivi minn fejn bdiet u kif kibret il-ħbiberija bejn Xandru u Rożina sakemm Rożina telqet lejn il-kulleġġ.



ST. FRANCIS